A.L. 392 ta' l-2007

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni ta' l-2007 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru.4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2007 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru.4).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sport*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2007.


Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.


4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Kumpless ta' bini fi Triq Santa Marija, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, li jikkonsisti fi *Club House* bla numru u l-ispazju miftuħ tal-konkos quddiem l-istess *club house* kollox tal-kejl ta' madwar 597 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' l-imsemmija Triq Santa Marija u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' proprjetà tal-Gvern, jew irjieħ verjuri. L-istess *Club House* li fiha l-kejl ta' ċirka 234 metru kwadru u tmiss mill-Punent ma' l-imsemmija Triq Santa Marija, mil-Lvant ma' l-istess spazju miftuħ fuq deskritt, u mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern, qegħda tiġi trasferita sa għoli ta' 3.64 metri mil-livell ta' l-istess spazju miftuħ u mingħajr l-arja tagħha li sejra tibqa' *public terrace* u soġġetta għal passaġġ eżistenti ta' tliet metri wisgħa favur il-pubbliku.

L-immobbli fuq deskritta hija murija delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 265_2003.

WATERPOLO CLUB
TRIQ SANTA MARIJA
MARSALFORN
l/o ZEBBUG (GHAWDEX)





Site Plan — Scale 1:2500
S.S. 3292 — Map Ref. 33243 92535

AREA: 597 m²

OVERLYING AIRSPACE (PUBLIC TERRACE) NOT INCLUDED - AREA:234 m²

10 5 0 5 10 15 20 25 30 35 40 45 50 70m

Scale 1:250

CHECKED ON SITE - SEPTEMBER 2003

GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT

LOCALITY: ZEBBUG (GHAWDEX)

P.D. No: 265_2003 — SCALE 1:250

FILE: GS513/90 — DRAWN BY: TABOD002 — CHECKED BY:

(sgd. S. Scotto) — A&CE — DATE: 29/01/2004

(sgd. J. Caruana) — Director Estate Management — DATE: 29/01/2004